MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 871/2000/1

**Albert GRASSO**

**vs**

**Salvino MIFSUD BONNIĊI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-8 ta' Mejju, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur irċieva ittra stampata mingħand il-konvenut datata 8 ta' Ġunju 1999 (hawn annessa u mmarkata Dok. AG1);

Illi permezz ta' din l-ittra fit-termini ta' dak li tiddisponi l-Liġi ta' l-Istampa, Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta l-konvenut attribwixxa fatti determinanti bl-iskop uniku li jimmalafamah u joffendieh fir-reputazzjoni tiegħu;

Illi l-attur huwa ntitolat li jaġixxi kontra l-konvenut bl-istanti għad-danni li ma jeċċedux il-ħamest elef lira maltija (Lm5,000) ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet fuq imsemmija u prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtiega u opportuna li:

1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli li mmalafama lill-attur u talli attribbwilu fatti determinanti li joffendu r-reputazzjoni ta' l-attur;

2. Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur dawk id-danni fit-termini tal-artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, liema danni m'għandhomx jeċċedu l-ħamest elef lira maltija (Lm5,000);

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fis-26 ta' Settembru, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ittra allegatament malafamanti hija ittra minn persuna lil persuna u għalhekk huwa nieqes ir-rekwizit tal-pubbliċita' skond il-liġi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Illi, bla pregudizzju għas-suespost il-kontenut tal-ittra ma tista bl-ebda mod tiġi interpretata bħala malafamanti jew li toffendi r-reputzzjoni tal-attur u dana tenut kont tat-ton tal-ittra innifisha u dak li wassal għall-ittra;

3. Għalhekk it-talbiet tal-attur għandhom jiġu respinti bl-ispejjez;

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat in-Nota tal-attur tat-23 t'Ottubru, 2000[1], mehmuża ma' liema kien hemm kopja tal-ittra mertu tal-kawża, u li bi żvista ma tressqitx mal-Att taċ-Ċitazzjoni meta nfetħet il-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-31 t'Ottubru, 2000, fosthom id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat Toni Abela f'isem l-attur;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-13 ta' Novembru, 2001, fosthom id-dikjarazzjoni tal-Avukat Simon Micallef Stafraċe f'isem l-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta' Novembru, 2001, li bih ordnat lill-partijiet biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek, u ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat id-Degriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 2001[2], li bih, u fuq talba tal-attur b'rikors tiegħu tat-28 ta' Novembru, 2001, waqfet milli tgħaddi għas-sentenza u ordnat li l-imħarrek jixhed fuq mistoqsijiet tal-attur;

Rat id-Degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2002, li bih u fuq talba tal-avukat difensur tal-attur, tat żmien lill-partijiet biex iressqu Noti ta' Osservazzjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrek;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-attur fit-3 t'April, 2002[3], dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-avukat tal-imħarrek bi tweġiba għas-sottomissjonijiet tal-attur;

[1] Paġġ. 13-4 tal-proċess
[2] Paġ. 31 tal-proċess
[3] Paġġ. 39 sa 41 tal-proċess

Rat id-Degrieti tagħha tas-16 ta' Mejju, 2002, u tas-27 ta' Settembru, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal libell taħt il-Liġi dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta). L-attur qiegħed ifittex lill-imħarrek għad-danni dwar ittra li dan ta' l-aħħar kitiblu fit-8 ta' Ġunju, 1999. L-attur jgħid li dik l-ittra immalafamatu u offendietu fir-reputazzjoni tiegħu. Qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minħabba f'hekk;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qiegħed jgħid li ittra privata mibgħuta mingħand persuna għal oħra ma tistax titqies bħala pubblikazzjoni għall-finijiet tal-Att dwar l-Istampa, u għalhekk l-azzjoni attriċi jonqos fiha element meħtieġ biex tirnexxi, jiġifieri l-element tal-pubbliċita'. Jgħid ukoll li l-ittra ma tistax titqies bħala malafamanti jew li tweġġa' l-ġieh tal-attur kemm mit-ton tagħha u kif ukoll minħabba dak li wassal lill-imħarrek biex jiktibha;

Illi din id-deċiżjoni qegħda tingħata biss dwar l-ewwel eċċezzjoni, bla ma tidħol fuq il-kwestjoni tal-kontenut tal-ittra jew taċ-ċirkostanzi li wasslu għall-kitba tagħha, li t-tnejn jifformaw il-mertu tal-kwestjoni;

Illi <u>dwar il-fatti rilevanti li jsawru l-każ</u> ma jidhirx li hemm differenzi bejn il-partijiet. L-imħarrek jistqarr li kiteb l-ittra li dwarha jilmenta l-attur, u fisser[4] sewwa ċ-ċirkostanzi ta' kif fassalha, iffirmaha, wassalha u ħalliha ssiġillata fil-kaxxa tal-ittri tad-dar tal-attur. L-attur qraha u wriha lil martu[5] u lil ġar tiegħu[6] li joqgħod fl-istess korp ta' bini li fih joqogħdu l-partijiet u li sar jaf bl-ittra (għaliex jissemma fiha wkoll) biss meta qallu dwarha l-attur. Fit-8 ta' Mejju, 2000, infetħet din il-kawża;

[4] Xhieda tal-imħarrek 7.2.2002 f'paġġ. 36-7 tal-proċess
[5] Xhieda tal-attur 19.6.2001, f'paġġ. 21-2 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Hadrian Cassar Torreġiani 19.6.2001 f'paġ. 25 tal-proċess

Illi l-Qorti tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jolqtu l-eċċezzjoni taħt eżami. Jingħad mill-attur, fis-sottomissjonijiet tiegħu, li għalkemm l-ittra kienet dokument maħsub bħala korrispondenza personali bejn l-imħarrek awtur u l-attur destinatarju, il-fatt li kemm dik l-ittra u kif ukoll dak li kien hemm fiha kien jista' jiġi f'idejn ħaddieħor huwa biżżejjed biex jirrendi dak id-dokument bħala "stampat" għall-finijiet tal-Att XL tal-1974. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li dik l-ittra hija għal kollox nieqsa mill-element ta' pubbliċita' li huwa meħtieġ biex azzjoni taħt dak l-Att tista' titressaq. L-imħarrek isemmi favurih deċiżjoni mogħtija *in parte* f'kawża oħra, fejn, madankollu, eċċezzjoni bħal dik kienet miċħuda[7];

Illi, għalhekk, huwa xieraq li wieħed jara x'għandha xi tgħid il-liġi dwar dawn il-każijiet. L-element ta' pubbliċita' huwa wieħed mit-tliet ingredjenti ewlenin li jsejsu l-azzjoni tal-libell. Kemm hu hekk, l-aspett tal-oġġett pubblikat jew imxandar li jingħata pubbliċita' joħloq waħda mid-distinzjonijiet magħrufa bejn il-libell risarċibbli fl-azzjoni ċivili mill-malafama maħsuba taħt id-dritt penali. Minbarra dan, l-azzjoni kriminali hija indipendenti mill-azzjoni ċivili, tant illi t-tnejn jistgħu jsiru separatament[8], u huwa meqjus li għandhom finalita' distinta[9]. Il-ligi tagħna[10] tfisser bħala "pubblikazzjoni" kull att stampat li jiġi jew jista' jiġi komunikat jew imgħarraf lil xi persuna;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, it-tifsira mogħtija fil-liġi tagħna għandha ta' bilfors titfisser fid-dawl ta' l-għanijiet speċjali li jimmira għalihom l-Att dwar l-Istampa, jiġifieri li jagħti ħarsien lil individwu milli jiġi mżeblaħ jew malafamat minn xi ħaddieħor b'mezz stampat jew b'xandira. Għalhekk, għalkemm il-kelma "pubblikazzjoni" tidher li tingħata tifsira wiesgħa fil-liġi tagħna biex tinkludi kull ma hu miktub, jidher li huwa ovvju li ittra privata mibgħuta minn persuna lil persuna oħra ma tgħoddx bħala pubblikazzjoni għall-finijiet tal-liġi jekk fl-istess ħin ma tiġix jew mhux probabbli

---

[7] Ara P.A. JSP **7.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Joseph M. Ċiappara vs Joseph Żammit*** (Ċitazz. Nru. 929/90JSP) maqtugħa fil-mertu fit-3.10.1991 u mhux appellata (mhix pubblikata)
[8] Art. 27, Kap. 248
[9] Ara App. Ċiv **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi*** (in parte, mhix pubblikata)
[10] Art. 2, Kap 248

li tiġi jew taqa' f'idejn terza persuna. Li kieku wieħed ifisser il-liġi mod ieħor, ma jista' jkun hemm xejn li ma jistax ikun "ippubblikat" jew "imxandar";

Illi l-awturi ewlenin meta jqisu t-tifsira mogħtija lill-liġi ta' l-Istampa li minnha hija meħuda u miruta l-liġi tagħna, jissuġġerixxu li, fil-każ ta' ittri privati, jinhtieg li jiġu meqjusa tliet konsiderazzjonijiet ewlenin: (a) il-mod kif titwassal l-ittra; (b) il-mod kif tkun indirizzata u (ċ) l-għarfien tal-mittenti dwar il-proċedura tad-destinatarju dwar il-ftuħ ta' l-ittri li jirċievi[11]. Jekk kemm-il darba ittra privata tintbagħat bis-servizz postali, m'hemmx presunzjoni tal-pubbliċita'. Il-prova ta' l-impustar ta' ittra toħloq presunzjoni *prima facie* illi l-ittra wasslet għand min kienet indirizzata, u mhux għand ħaddieħor[12]. L-imsemmija awturi jgħallmu li ... "*the rule is that the sender of a letter is only liable for the publication of its content to the person to whom it was addressed unless, at the time of sending the letter, he knew or ought to have known that it was likely to be opened by other persons. ... In the same way the writer would not be liable for the publication of a letter defamatory of the person to whom it is addressed which is opened by his inquisitive butler, unless the sender knew that the addressee had a butler whose duty it was to open letters*"[13];

Illi fil-każ prezenti jirriżulta li l-imħarrek bagħat, jew aħjar, jew imposta huwa stess l-ittra inkriminata fil-kaxxa ta' l-ittri tad-dar ta' l-attur u li l-imsemmija ittra kienet magħluqa f'*envelope* indirizzat lill-istess attur. Jirriżulta li kien l-attur li qara l-ittra l-ewwel u kien hu li wriha lil martu u, iżjed tard, lil Hadrian Cassar Torreġġiani. Fil-fehma tal-Qorti, safejn kien jikkonċerna lill-imħarrek, l-għan tiegħu kien li dik l-ittra jaqraha l-attur u l-attur biss. Ma jidhirx li kien l-obbligu ta' l-imħarrek li jippresumi li membri tal-familja tal-attur, u wisq inqas ġirien tagħhom, messhom qraw dik l-ittra jew fetħuha huma qabel fetaħha u qraha id-destinatarju;

[11] Carter –Ruck Libel and Slander (3rd Edit.) pagni 61-62
[12] Ara sentenza ***Huth vs Huth*** (1915) KB
[13] Carter-Ruck *op.cit.* paġ. 61

Illi jirrizulta ukoll mix-xiehda ta' mart l-attur Maria Dolores Grasso[14], u minn dik ta' Hadrian Cassar Torreġġiani[15], li kieku ma kienx għall-fatt li l-attur urihom l-ittra li bagħtlu l-imħarrek, kieku ma kinux ikunu jafu bl-ittra jew b'dak li nkiteb fiha. Minbarra l-imsemmija żewg persuni, ma jidhrix li l-ittra ġiet f'idejn ħaddieħor qabel ma nbdiet din il-kawża. Jekk dan hu minnu allura, il-Qorti għandha għax tasal għall-konklużjoni illi kien l-attur innifsu, u mhux l-imħarrek, li ħoloq l-element ta' pubbliċita' tal-ittra mertu tal-każ. Safejn kien jirrigwarda l-għamil tal-imħarrek, ma sar xejn li bih dak l-element essenzjali biex isejjes kawża ta' libell ġie mwettaq. Minhabba li l-azzjoni tal-libell ċivili hija waħda prinċipalment tad-danni, il-prinċipju li l-parti danneġġata m'għandhiex tagħmel xejn biex taggrava il-qagħda tagħha, tapplika f'din l-azzjoni ukoll. Fi kliem ieħor, il-Qorti hija tal-fehma li jekk l-attur wera l-ittra lil ħaddieħor u kien minħabba f'din l-azzjoni li ħaddieħor sar jaf bl-ittra u b'dak li hemm miktub fiha, allura il-ħsara li seta' ġarrab l-attur *imputet sibi;*

Illi meħuda f'dan id-dawl, l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek tidher li għandha mis-sewwa u jistħoqqilha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek Salvino Mifsud Bonnici u tiddikjara li l-azzjoni attriċi kif proposta hija nieqsa mill-element ta' pubbliċita', għall-finijiet tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, u qegħda għalhekk teħles lill-istess imħarrek milli jibqa' iżjed fil-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attur, u bla preġudizzju għal kull jedd ta' azzjoni li jista' jieħu l-attur taħt kull liġi oħra.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[14] 19.6.2001, pag. 23 tal-proċess
[15] 19.6.2001, f'pag 21 tal-proċess